Minuti tal-Laqgħa Nru. 42 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 6 t' Ottubru 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana |
| | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Skużat | Dr. Frank Psaila LL.D |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita Kulturali għal Ottubru
5. Tenders
6. Kumitat Amministrattiv
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

Qabel ma bdiet il-laqgħa s-Sindku ta l-kondoljanzi lis-Segretarju Eżekuttiv għal mewt ta missieru. Huwa għamillu kuraġġ biex ikompli l-ħajja. Saret ukoll minuta silenzju għal dan l-avveniment.

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Piscopo semma li għalkemm mhux joġġezzjona għal għażla tas-Sur. Michael Portelli pero ma jaqbilx li hu ma ġiex preżentat bil-lista tal-kandidati, liema proċedura tiġi applikata għal Kunsilli kollha u li huwa nuqqas tal-Awtoritajiet kompetenti.

1.2 Il-Kunsillier Piscopo qal li dakinhar is-Sindku qallu li m' hemmx għalfejn jinżammu l-kopji tal-emails li saru rigward SkolaSajf.

1.3 Fuq paragrafu 2.13 il-Kunsillier Piscopo saqsa biex jiġu konsultati jekk il-Kunsilli ta madwar l-ajruport kinux infurmati fuq l-avveniment tal-Airshow.

1.4 Fuq paragrafu 2.14 il-Kunsillier Piscopo qal li t-tabella trid issir fuq in-naħa tal-ex Mambra.

1.5 Rigward paragrafu 3.1 il-kunsillier Piscopo qal li dakinhar kien favur.

1.6 Fuq il-vot ta schedule of payments il-Kunsillier Piscopo qal li hu kien kontra s-schedule of payments u mhux favur kif kien hemm imniżżel fil-minuti. Is-Sindku fakkru li hu dakinhar tal-laqgħa kien qal li hu mhux kontra u li ried jara l-invoices. Is-Segretarju qallu li l-votazzjoni tgħodd kif tkun saret dakinhar u din ma tinbidilx wara l-laqgħa. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Piscopo kien qed immur kontra l-istanding orders kif qegħdin imniżżlin fil-liġi. Is-Sindku qallu wkoll il-għala illum huwa kontra s-schedule of payments, "nitolbok tagħmel spjegazzjoni". Huwa wieġbu peress li talab biex jara lis-statement tal-petty cash u din ma ngħatax peress li dakinhar li ġie l-Kunsill kien imsakkar. Is-Sindku qallu wkoll biex f' każ li jkun jrid jiċċekja s-schedule of payments dan jista jagħmlu meta jrid qabel ma ssir l-laqgħa għax hemm żmien ta ġimgħa min meta jiġu avżati l-kunsilliera qabel ma ssir l-laqgħa.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsiller Caruana saqsa jekk kinitx saret l-ittra lid-Direttur biex jintalab ir-rapport tal-investigazzjoni li saret fuq il-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb li din kienet għadha ma saritx u għalhekk ġie suġġerit min naħa tal-Kunsill biex din isir.

2.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa wkoll fuq ittra li kellha tintbagħat lil Malta Transport rigward Triq il-Kunsill tal-Ewropa biex issir laqgħa qabel ma din issir biex jinghataw suġġerimenti bħala Kunsill rigward l-ilma li jgħaddi minnha. Din ma saritx u s-Segretarju qal li din se ssir immedjatament.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma Triq il-Gudja hemm bżonn li tingħata attenzjoni u jekk hemm bżonn il-Kunsill jingħata r-responsabilta ta din it-Triq peress li bħalissa hemm ħafna ħsara fuq in-naħa li tagħmel mal-Gudja. Huwa ssuġġerixxa biex jiġu kkuntattjatti l-Awtoritajiet responsabbli mill-indafa biex jaraw l-istat li bħalissa tinsab fih it-triq. Qal ukoll biex il-ħaddiema li bħalissa għandu l-Kunsill jagħtu tindifa lit-triq, anki peress li dalwaqt ikun ix-xahar ta' Novembru.

3.2 Ġiet ippreżentata stima fuq daqsijiet differenti ta bnadar biex tintgħażel waħda għal Kunsill Lokali. Min dawn ġiet magħżula waħda bl-istema tal-lokalita biex titella f' okkażżjonijiet speċjali.

3.3 Is-Segretarju ressaq l-applikazzjonijiet ta' żvillup quddiem il-Kunsilliera biex dawn ikunu jistgħu jarawhom.

3.4 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Waterfront rigward kompetizzjoni ta Pumpkin Carving li fiha hemm premjijiet abinatti.

3.5 Kien hemm ukoll ittra mingħand il-Limestone Heritage li tagħti r-rati għal żjajar f' dan il-post għal gruppi.

3.6 Ittra oħra waslet mingħand il-Valletta Living Heritage li tagħti dettalji fuq audio visual show rigward il-Belt Valletta.

3.7 Ittra oħra waslet mingħand il-Malta Experience fejn taw promozzjoni fuq is-show awdjo viżiv.

3.8 Is-Segretarju qal li ġie avviċinat min rappreżentanti tal-Kirkop Health Centre fejn tawh informazzjoni rigward ċentru tas-saħħa mentali li se jiftaħ ġewwa Ħal Kirkop. Huma taw informazzjoni fuq is-servizzi li se jkunu qed joffru u anki ħallew brochures informattivi għal pubbliku.

3.9 Il-Viċi Sindku qal li huwa urtatt għal artiklu li kien deher fil-gażżetta tal-Mument fit 12 ta' Settembru. Huwa qal li kien qed jiġi mwaqqaf min ħafna nies li saqsewh fuq il-qagħda ta bejnu u bejn is-Sindku, peress li f' dan l-artiklu issemma li l-Kunsilliera Laburisti kellhom l-intenzjoni li jxollju l-Kunsill.

3.10 Biex il-Viċi Sindku jeżenta ruħu min dak li kien qed jintqal ressaq mozzjoni bħala vot ta fiduċja fis-Sindku is-Sur. John Schembri. Dan il-vot kien sekondat mill-Kunsilliera Lucia Massa. Dan sar wara dak li kien issemma f' artiklu li deher fil-Mument tat 12 ta Settembru 2010 fejn saru allegazzjonijiet infondati fuq il-Kunsilliera Laburisti ta Ħal Luqa.

3.11 Il-Kunsillier Piscopo qal li kien beħsiebu joħroġ il-barra għax ma riedx li jkollu x jaqsam ma din il-votazzjoni.

3.12 Il-mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku għaddiet u favur kien hemm il-Kunsilliera Lucia Massa u Joe Camilleri, filwaqt li l-Kunsillier Victor Caruana u Joseph Piscopo astjenew.

## 4.0 ATTIVITA KULTURALI F' OTTUBRU

4.1 Il-Viċi Sindku tkellem fuq attivita ta natura kulturali li qed tkun ippjanata biex issir fl-24 t' Ottubru filgħodu. Fuq din l-attivita hemm ukoll il-ħidma tas-Sotto Kumitat għal

Kultura, Ambjent u Edukazzjoni. Din se tkun forma ta Tieġ Malti kif kien issir mitejn sena ilu.

4.2 Dan it-Tieġ se jibda min quddiem il-knisja tal-Madonna tal-Ftajjar u l-purrċċissjoni bl-għarajjes se tgħaddi min Triq Pawlu Magri, Triq San Ġorġ u lura għal pjazza fejn issir it-Tieġ. Se jkun hemm wkoll parteċipanti oħra bħal Renato u Georgina u wirjiet fil-post. Il-Viċi Sindku issuġġerrixxa biex min mill-Kunsilliera irrid aktar informazzjoni jattendi għal laqgħa li se ssir apposta fuq din l-attivita. Din il-laqgħa se ssir it-Tlieta tal-ġimgħa ta wara. Hemmhekk huma jkunu jistgħu jiddiskutu u jingħataw aktar dettalji.

4.3 Il-Kunsillier Carauna issuġġerrixxa biex issiru wkoll Maratoni li bil-flus li jinġabru minhom immorru għal għajnuna bħal Puttinu Cares u organiżazzjonijiet oħra. Huwa saqsa wkoll jekk għal din l-attivita inġibux kwotazzjonijiet. Is-Segretarju wieġeb li inġiebu mat-tlett kwotazzjonijiet fuq l-items li se jkun hemm. Il-Kunsillier qal ukoll jekk hux possibli li bħala attivita din issir filgħaxija.

## 5.0 TENDERS

5.1 Tenders il-Kunsill ħareġ tnejn, wieħed dwar ir-road resurfacing fuq l-iskema tal PPP u ieħor fuq vann kummerċjali għas-servizz tal-Kunsill.

5.2 Fuq it-tender tal-vann kien hemm offerta waħda u s-Sindku ressaq din l-offerta għal approvazzjoni. Fuq din l-offerta kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha preżenti.

5.3 Rigward it-tender tal-PPP is-Sindku qal li kien ta d-dettalji tat-tender lil-perita tal-Kunsill biex hi tkun tista toħroġ rapport fuq l-offerti li kien hemm ppreżentati. Dawn l-offerti wara jiġu diskussi fil-Kunsill.

## 6.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV ĦAL FARRUĠ

6.1 Fuq il-ground li kien hemm imsemmi għat team tal-Belt ic-chariperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ semma li saret laqgħa mas-Segretarjat tal-Sport u dan spejga li l-ground li hemm propost ġej qabel ma tibda r-runway u mhux se jkun parti miż-żona residenzjali. Huwa qal li permess għad m' hemmx f dan il-każ.

6.2 Il-Kunsillier Caruana semma li t-tfal tal-lokal għandu jkollhom aċċess biex jkunu jistgħu jużaw din il-faċilita peress li dan se jkun fil-lokal ta' Ħal Luqa.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsillier Caruana talab biex jara l-invoice ta Vince, il-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol tal-bankini ġewwa Ħal Luqa. Din ingħatatlu waqt il-laqgħa mingħand is-Segretarju.

7.2 Fuq is-schedule of payments ivvutaw favur, Is-Sindku, Viċi Sindku, Il-Kunsilliera Massa, Camilleri u Piscopo. Il-Kunsillier Caruana astjena.

Konfermati llum ______________________ 2010.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |